MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Appell Civili - Ghawdex Numru. 60/2004/1

**Vincent Cutajar**

**vs**

**Teddy Cefai f'ismu proprju u bhala ufficjal Rapprezentattiv ta' Zebbug Rovers F.C.**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Dicembru, 2004 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar (Ghawdex) ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid il-ghaliex m'ghandekx tigi kkundannat li tirrifondi s-somma ta' elf lira maltin (Lm1,000) li kienet giet depozitata mieghek minnu personalment meta kien jokkupa l-kariga ta' President ta' Ghajnsielem Football Club, liema

depozitu kien sar bhala garanzija li l-player Jonathan Xuereb jerga’ jilghab mat-team taz-Zebbug, Rovers FC ghall-istagun kalcistiku li ghadu kemm ghadda (2003-2004), liema depozitu kellu jintilef biss f’kaz li dan il-player ma jergax jilghab mat-team ghall-istagun imsemmi wara li kien laghab mal-istess team ta’ Zebbug Rovers F.C. fl-istagun ta’ qabel, u f’kaz li jerga’ jilghab dan id-depozitu kellu jigi rifuz lill-attur, liema depozitu baqa’ sallum ma giex rifuz minkejja li Jonathan Xuereb laghab ghall-istagun imsemmi, u minkejja wkoll li l-konvenut gie nterpellat biex jaghmel dan.

Bl-imghaxijiet mid-data meta dan id-depozitu kellu jinghata lura lill-attur sal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Settembru 2003.”

Ra r-risposta:

“1. Illi Teddy Cefai personalment ma ghamel l-ebda ftehim ma’ Vincent Cutajar u ghalhekk mhuwiex il-legittimu kuntradittur.

2. Illi kull ftehim li sar kien bejn il-Club ta’ Zebbug Rovers u dak ta’ Ghajnsielem F.C. u mhux bejn Vincent Cutajar l-attur u Teddy Cefai l-konvenut.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-elf lira Maltin (LM1000) ma kienux depozitu izda hlas minn Ghajnsielem F.C. lil Zebbug Rovers biex dawn ta’ l-ahhar ma jaghtu release lill-ebda player minn Mario Azzopardi u Alex Tramboo biex imorru man-Nadur Youngsters F.C.

Sema’ l-provi;

Ikkunsidra:

Minn imkien ma jirrizulta li l-konvenut ircieva s-somma ta’ LM1,000 personalment; anzi kollox jindika li rcevihom ghan-nom taz-Zebbug Rovers F.C. L-attur harrku kemm personalment kif ukoll bhala ufficcjal rapprezentattiv (sic)

tal-istess club – haga li tindika bic-car li l-attur stess mhux cert ma' min sar esattament in-negozju.

It-tezi tal-attur li s-somma inghatat bhala garanzija li l-goaler Jonathan Xuereb jerga' jilghab mat-team tal-futboll taz-Zebbug hija sostnuta minnu, minn certu George Xuereb minnu prodott (dan xehed bl-affidavit) u minn Peter Caruana, xhud prodott mill-konvenut. George Xuereb ma giex ikkontro-ezaminat. Pero' sar kontro-ezami lill-attur (fol 20 et seq). It-Tribunal isibha ferm stramba kif l-attur qieghed isostni li ffirma skrittura li permezz taghha gie mgedded ghal stagun iehor it-trasferiment ta' Jonathan Xuereb mill-kazin tal-futbol t'Ghajnsielem ghal mat-tim taz-Zebbug, bil-prezz ta' elfejn lira, u li kontestwalment huwa hareg minn butu u personalment elf lira fi flus kontanti u ghaddiha lill-konvenut bhala garanzija li Jonathan Xuereb jithalla jilghab maz-Zebbug. Jekk dan diga' kien ghamel stagun jilghab maz-Zebbug, u jekk kien qieghed isir il-ftehim bil-miktub tat-trasferiment bejn iz-zewg clubs, xi htiega kien hemm tal-hekk imsejjha garanzija biex issir xi haga li fil-fatt kienet diga' qieghda ssehh?

Din il-verzjoni hija pero' kontradetta minn ghadd ta' xhieda, ilkoll prodotti mill-konvenut li lkoll taw verzjoni konsistenti, verosimili, u ferm iktar kredibbli minn dik tal-attur. Dawn jikkonsistu fil-konvenut innifsu, f'Dr Chris Said, Joe Cutajar (fol 56), Joe Cini, Jonathan Xuereb (il-goaler innifsu), Sammy Camilleri, u Carmel Saliba. Dawn kollha jistqarru li l-LM1,000 kien hlas lill-club taz-Zebbug biex dan ma jaghtix *release* lill-futbolers Azzopardi u Tramboo.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jehles lill-konvenut Teddy Cefai fil-kapacita' tieghu personali mill-osservanza tal-gudizzju filwaqt li jichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut l-iehor Zebbug Rovers F.C. bl-ispejjez a kariku tal-attur. "

Minn din is-sentenza appella l-attur li talab ir-revoka taghha. L-appell tieghu jikkonsisti minn kontestazzjoni

dwar l-apprezzament maghmul mit-Tribunal tal-fatti prodotti. Apprezzament dan li wassal lit-Tribunal biex jaccetta l-versjoni tal-konvenut appellat, wara li ghamel l-analizi tieghu tax-xhieda mismugha, bl-adoperu tas-soliti kriterji tal-konsistenza, kredibilita` u verosomiljanza.

F'kazijiet ta' din ix-xorta jinhass opportun li qabel xejn din il-Qorti tirriafferma ghal darb'ohra dawn il-principji generali:-

(1) "La Corte di Appello non puo` immischiarsi, meno in casi eccezzionali, nell'esercizio della discretiva della Corte sulla produzione di prove" – "**Ramchand Kilunal noe –vs- Jessie Blanco**", Appell Civili, 30 ta' Gunju 1919. Dan l-indhil hu permissibbli fejn ikun jidher li jezistu motivi gravi li jwasslu lill-Qorti ta' revizjoni ghall-konvinciment illi l-ewwel tribunal ma setghax ma kienx zbaljat fl-apprezzament tieghu. Ara "**Joseph Walker noe –vs- Raymond Pizzuto**", Appell, 6 ta' Ottubru 1999.

(2) "Jigifieri meta fil-fehma taghha, wara li tkun ikkunsidrat l-atti kollha processwali, jitnissel fiha l-konvinciment morali illi l-provi prodotti ma kienux u ma setghux iwasslu ghall-konkluzjoni li ghaliha jkun wasal l-ewwel tribunal, din il-qorti ta' revizjoni kienet obbligata li tiddelibera s-sentenza taghha fuq dik il-bazi ta' fatt kif fil-fehma taghha tkun tirrizulta provata, anke jekk dan ifisser li jkollha fil-process tiskarta dawk il-fatti li s-sentenza appellata tkun additat bhala provanti l-premessi ghat-talbiet attrici" – "**Emily Stivala et -vs- George Pace**", Appell, 6 ta' Ottubru 2000. Naturalment dak japplika wkoll f'kaz fejn il-konvenuti jkunu ipprovaw il-premessi tal-eccezzjonijiet taghhom.

Dan premess, hu l-kompitu ta' din il-Qorti li taghmel ezercizzju biex tevalwa l-korrettezza tal-konsiderandi fis-sentenza appellata u tal-apprezzament fattwali tat-Tribunal.

Minn dak li johrog mir-rizultanzi processwali jidher li l-kwestjoni centrali involuta tirrigwarda dik jekk il-Qorti ghandhiex temmen il-verzjoni tal-attur illi s-somma ta' elf

lira (Lm1000) li hu qed jirrikjama lura kienet allaccjata mal-garanzija minnu mitluba mill-konvenut nomine illi l-player Jonathan Xuereb jerga' jilghab stagun iehor mat-team ta' Zebbug Rovers Football Club jew invece ghandhiex tkun sostenuta d-difiza tal-konvenut illi s-somma precizata thallset biex il-Club ma jitrasferiex lill-players Alex Tramboo u Mario Azzopardi.

Jibda biex jigi osservat illi fejn il-versjonijiet provvduti mill-kontendenti huma dijametrikalment opposti, jinsab deciz illi "mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti." - "**Carmelo Farrugia -vs- Rokku Farrugia**", Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966 per Imhallef Maurice Caruana Curran.

F'sentenza ohra l-imsemmi Imhallef insenji kien ippreciza illi "fi kwistjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' provi il-kriterju ma huwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja" – "**Joseph Borg et -vs- Joseph A. Bartolo**", Appell Sede Inferjuri, 25 ta' Gunju 1980.

Mill-interpretazzjoni taghha tal-provi din il-Qorti tista' tghid li ma hijiex ghal kollox sodisfatta illi l-versjoni tal-konvenut hi aktar kredibbli minn dik tal-attur. Il-Qorti mhiex qed

tghid li l-kwestjoni ma tipprezentax certu diffikolta` izda ma jidhrilhiex li tista', fuq il-bazi tal-provi diretti u indiretti bhal ma huma l-presunzjonijiet u l-indizzji, tikkonkludi li l-versjoni tal-konvenut appellat hi aktar konsistenti minn dik tal-attur appellant. Dan ir-riljiev mhux qed isir ghax il-Qorti qed tistrieh fuq l-awtorita` taghha biss imma ghaliex issib elementi ta' sostenn tant fix-xhieda ezaminata kemm fic-cirkostanzi generali tal-kaz.

Fil-fehma tal-Qorti hu l-kaz li tiddisturba l-apprezzament tal-provi maghmul mit-Tribunal in raguni ghal dawn il-konsiderazzjonijiet:-

(1) Jirrizulta, mhux kontradett, illi sar hlas ta' elf lira (Lm1000) u li din is-somma thallset mill-attur fi flus kontanti fl-okkazjoni ta' meta gie redatt u ffirmat il-ftehim tal-31 ta' Jannar 2003 (fol 10), liema akkordju kien jirreferi eskluzivament ghal player Jonathan Xuereb. Hu probabbli hafna li din is-somma giet zborsata biex l-attur u l-Club ta' Ghajnsielem F.C., li hu kien jippresjedi dak iz-zmien, jiggarantixxu li l-imsemmi player jerga' jilghab mal-Club konvenut fl-istagun ta' wara. Is-somma ghalhekk kienet intiza biex l-Ghajnsielem F.C. ma jergax lura minn kelmtu.

(2) Din il-Qorti ssib ferm verosimili dak li xehed dwaru Peter Caruana, u, cjoe`, li meta ntlahaq qbil li l-players Alex Tramboo u Mario Azzopardi ma jithallew jinghaqdu ma' ebda club gie akkordat ukoll b'kontrakkambju ghal dan il-patt illi fl-istagun ta' wara Jonathan Xuereb jibqa' maz-Zebbug Rovers F.C. Kienet taghmel hafna sens hawn il-kondizzjoni mposta mill-ahhar imsemmi Club illi l-ftehim, dejjem riferibilment ghall-player Jonathan Xuereb, jigi konsolidat b'garanzija ta' elf lira (Lm1000).

(3) Inversament, din il-Qorti mhiex lesta taccetta, fil-kumpless tal-provi u tac-cirkostanzi kollha, dak mistqarr mix-xhud Joe Cini (fol 89) membru tal-kumitat tal-Club konvenut, illi l-attur u/jew il-Club tieghu qablu li l-ammont ta' elf lira (Lm1000) jithallas f'forma ta' rigal biex iz-Zebbug Rovers F.C. ma jbieghx il-players Tramboo u Azzopardi. Is-sens komun jiddetta li l-verita` sostanzjali

tal-fatti mhux kif prezentat lilha minn dan ix-xhud jew minn Sammy Camilleri (fol 95) li jghid li kien hu li avvanza l-proposta li l-Ghajnsielem F.C. jaghtuhom elf lira u ma jbieghux iz-zewg players imsemmija. Huwa ferm difficli ghal din il-Qorti temmen li fl-istess kuntest, kif dikjarat minn dan l-ahhar xhud, kien hemm mhux biss accettazzjoni tas-somma proposta izda wkoll tali affjatament u sens ta' irgulija illi addirittura, u, sua sponte, l-attur, f'isem l-Ghajnsielem F.C., joffri li jhalli liz-Zebbug Rovers F.C. izomm lill-player Jonathan Xuereb ghal stagun iehor.

(4) Minn dawn il-ftit konsiderazzjonijiet u mill-elementi l-ohra probatorji akkwiziti fil-process, kompriz l-enuncjazzjonijiet gurisprudenzjali prodotti, din il-Qorti ssib, ghall-formazzjoni tal-konvinciment taghha, illi, bil-kontra tat-Tribunal, il-versjoni tal-attur, kif korroborata minn xhieda, uhud prodotti mill-kontroparti, hi aktar fededenja u attendibbli. Fuq kollox li l-attur irnexxielu jiskarika l-piz tal-prova inkombenti fuqu relattiv ghall-hlas tas-somma li taghha hu qed jirreklama r-rimbors. Rifuzjoni din dovuta mill-Club konvenut u mhux ukoll mill-konvenut personalment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeciedi billi tirrevoka d-decizjoni appellata, tilqa' l-appell interpost u b'hekk tikkundanna lill-Club konvenut jirrimborsa lill-attur is-somma ta' elf lira (Lm1000) kif mitlub fl-avviz, bl-imghaxijiet mid-data tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Settembru 2003. L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew mill-istess Club konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------